# QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Ħamis 13 ta' Lulju , 2023**

**Kawza Numru: 8**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 653/2022 JVC**

Lombard Bank Malta Plc

**Vs**

Alexander Aloisio, karta ta' l-identita numru 766551 (M)

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Lombard Bank Malta plc (C1607) li talab kif isegwi:

1. ‘Illi fil-bejgh bl-irkant mizmum taht l-Awtorita’ ta’ din l-Onorabbli Qorti fis-6 ta’ Settembru 2011 (Subbasta immobli Numru 111/2007) fl-ismijiet “Lombard Bank Malta Plc (C1607) vs Alexander Aloisio et“ gew definittivament liberati favur il-Bank attur il garaxx internament immarkat bin numru wiehed u tletin (31) fil livell ta’ fuq f’kumpless ta garaxxijiet b’entratura komuni minn Triq Carmel, San Giljan, liberu u frank, kif ukoll il flat sive Penthouse, internament immarkat bin numru hamsa ittra “D” (5D) fi blokk ta’ appartamenti li jgib in numru tmienja (8) f’kumpless li jismu Cloisters Walk, numru ghoxrin (20) Triq Carmel , San Giljan liberu u frank, u dan skont kopja legali ta tali liberazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok “A”;

2. Illi minkejja tali liberazzjoni, id-debitur ezukutat naqas milli javvaka il-fondi liberati favur il-Bank attur b’mod li llum qed jokkuphom bla titolu;

3. Il-konvenut Alexander Aloisio kien is sid tal-fondi liberati favur il Bank attur flimkien ma martu Dagmar Aloisio pero l-imsemmija fondi surreferiti gew assennjati lilu f’kuntratt ta separazzjoni li hu iffirma flimkien ma l-istess martu fl-atti tan Nutar Pierre Falzon li jgib id-data tat-tnejn (2) ta’ Gunju, elfejn u hamsa (2005) u dan skont in nota ta insinwa numru wiehed hamsa tmienja tnejn disgha tas sena elfejn u hamsa (I 158929/2005) li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok “B”;

4. Illi permezz ta’ ittra legali datata 4 ta Mejju 2022, il-Bank attur talab lil-konvenut sabiex jikkonsenjalu l-pussess

vakanti ta' l-imsemmi fondi fit- terminu hemm indikat (Dok C), izda dan baqa inadempjenti;

5. Illi bhala fatt sal-lum il-Bank attur ghadu ma hax pussess tal beni immobbli liberati favur tieghu kif premess, u ghalhekk irid lil konvenut jigi ikkundannat jizgombra mill-imsemmi fondi sabiex dawn l-istess fondi jaqaw fil-pussess tal-Bank attur bhala liberi u vojta.

6. Illi d-dirigenti tal-Bank attur jafu personalment il-fatti hawn fuq esposti, u konfermati bil-gurament minn Helena Said, rapprezentata tal-istess Bank.

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi, il-Bank attur jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkundanna lil-konvenut, sabiex, f'terminu qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti, jizgombra u jhalli liberu u vojt favur il-Bank attur il-garaxx internament immarkat bin numru wiehed u tletin (31) fil-livell ta fuq f'kumpless ta garraxxijiet b'entratura komuni minn Triq Carmel, San Giljan, liberu u frank, kif ukoll il flat sive Penthouse, internament immarkat bin numru hamsa ittra "D" (5D) fi blokk ta appartamenti li jgib in-numru tmienja (8) f'kumpless li jismu Cloisters Walk, numru ghoxrin (20) Triq Carmel, San Giljan liberu u frank, liema fondi l-istess konvenut qed jokkuphom minghajr ebda titolu validu fil-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li huwa min issa ingunt ghas-subizzjoni tieghu u b'rizerva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-Bank attur kontra l-konvenut.'

Rat illi fil-verbal tal-11 ta' Mejju,  2023 l-Qorti awtorizżat l-allegazzjoni tal-atti tas-subbasta bin-numru 111/2007 u rat l-istess atti.

Rat illi fil-verbal datat  11 ta' Mejju, 2023 ir-rikors ġie differit ghal-lum ghad-decizjoni u fejn fl-istess verbal l-intimat ġie dikjarat kontumaċi wara li ġie debitament notifikat permezz tal-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Rat illi mid-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat kif ukoll mill-atti tas-subbasta annessi bin-numru 111/07 effettivament huwa minnu l-proprjeta' immobbli  in kwistjoni ġiet liberata a favur tal-bank rikorrent.

Rat l-ittra legali interpellatorja datata 4 ta' Mejju 2022 indirizzata lill-intimat fejn huwa ġie formalment mitlub jiżgombra mill-proprjeta' in  kwistjoni fi żmien sebat' ijiem mid-data tal-ittra.

Rat l-affidavits tar-rapprezentanti tar-rikorrent, **Paul Debono** a fol. 42 et seq tal-process u **Helena Said** a fol. 43 tal-proċess permezz ta' liema huma jispjegaw kif il-proprjeta' in kwistjoni (flimkien ma' proprjetajiet oħra) saru finalment proprjeta' tal-Bank rikorrent permezz tal-proċeduri ta' subbasta bin-numru 111/07 fejn il-Bank agixxa *animo compensandi* ghal dak dovut lilu mill-intimat.  Iżidu li ghalkemm il-proceduri ta' subbasta ġew attakkati permezz ta'

rikors ġuramentat dawn il-proċeduri ntilfu mill-intimat u ġew deċizi favur il-bank rikorrent permezz ta' deċiżjoni fl-4 ta' Novembru, 2019 liema deċiżjoni ma ġietx kontestata fl-appell. Iż-żewg xhieda jikkonfermaw li konsegwenti ghas-subbasta, l-intimat baqa' ma ghaddhiex il-pussess tal-proprjetajiet in kwistjoni lill-Bank rikorrent.

Rat id-deċiżjoni bin-numru 10/12TA fl-ismijiet inversi datata 4 ta' Novembru, 2019, esebita fl-atti annessi a fol. 481 et seq tal-proċess, minn fejn effettivament jirriżulta' li t-tentattiv sabiex tiġi mħassra subbasta in kwistjoni falla u l-validita' tas-subbasta ġiet konfermata.

Illi minn dak kollu suespost jirriżulta li t-talba tal-Bank rikorrenti hija legalment ġustifikata u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Deċizjoni**

Ghaldaqstant ghar-raġunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talba tal-Bank rikorrent u tikkundanna lill-intimat Alexander Aloisio, sabiex fi żmien xahrejn mil-lum, jiżgombra u jħalli liberu u vojt favur il-Bank rikorrent il-garaxx internament immarkat bin-numru wieħed u tletin (31) fil-livell ta' fuq f'kumpless ta' garaxxijiet b'entratura komuni minn Triq Carmel, San Giljan, liberu u frank, kif ukoll il-flat sive Penthouse, internament immarkat bin-numru ħamsa ittra "D" (5D) fi blokk ta' appartamenti li jgib in-numru tmienja (8) f'kumpless li jismu Cloisters Walk, numru ghoxrin (20) Triq Carmel, San Ġiljan liberu u frank, liema fondi l-istess intimat jirriżulta li qed jokkuphom minghajr ebda titolu validu fil-Liġi.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**13 ta' Lulju, 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**13 ta' Lulju, 2023**